**30 ta' Ġunju, 1964.**

**Imħallfin:**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President**
**Onor. T. Gouder, LL.D.**
**Onor. J. Flores, B.L.Can., LL.D.**

Joseph Camilleri

*versus*

Pietro Schembri et.

## APPALT — XOGĦOL KONTRA L-LIĠI SANITARJA —

*L-Appaltatur li jagħmel xogħolijiet kontra l-liġi sanitarja, quddiem il-liġi u l-Awtorita Sanitarja, u fir-relazzjonijiet ma' din l-Awtorita, ma jistax jinvoka a diskarigu tiegħu l-ordni tas-sid.*

*Però meta l-kommittent, li jkun bniedem ta' l-affarijiet tiegħu, u li jaf sewwa xi jrid, ikun ta' ordni lill-appaltatur biex jagħmel xi xogħolijiet li ma jkunux skond il-liġi sanitarja, ma jistax imbagħad fir-relazzjonijiet purament ċivili tiegħu ma l-appaltatur, jilmenta li x-xogħol sar ħażin u jippretendi li l-appaltatur jibdlu a spejjeż tiegħu.*

Il-Qorti, Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maesta Tagħha r-Reġina li bih l-attur wara ppremetta illi b'żewġ skritturi waħda tal-erbgħa u għoxrin ta' Novembru, 1950 u l-oħra tal-ħamsa ta' Novembru, 1951 il-konvenuti flimkien obbligaw ruħhom li jagħmlu x-xogħlijiet ta' bini u xogħolijiet oħra speċifikati fl-istess skritturi — u billi l-konvenuti għadhom ma lestewx ix-xogħlijiet

kollha li kellhom jagħmlu billi dwar l-ewwel skrittura (li fuqha l-instanti fadallu jħallas biss is-somma ta' ħamsin lira (£50)) fadlilhom isemmu jew jissostitwixxu l-bieb ta' barra, jiżbgħu u jbajjdu l-entrata u jagħmlu sew il-kommunikazzjonijiet tad-drenaġġ ta' wieħed mill-garages li llum għandu numru 35 ta' Manarino Road, Birkirkara, u jsewwu l-art ta' l-istess garage u dwar it-tieni skrittura għad fadlilhom jagħmlu x-xogħol elenkat fl-anness dokument "C" esklużi l-items numri 2, 10, 11 u 12, barra milli jagħmlu wkoll ix-xogħol rikjest biex il-bini jkun skond il-liġi tas-sanità, kif l-instanti diġa jinsab kundannat li jagħmel b'sentenza tal-Qorti Kriminali Inferjuri, u peress illi l-konvenuti ma lestewx ix-xogħol fiż-żmien miftiehem u għalhekk l-instanti sofra ħsara billi ma setax jikri l-postijiet għall-perijodu żejjed li damu ma jiġu lilu konsenjati jiġu kundannati li jagħmlu x-xogħol fuq indikat biex hekk ix-xogħol lilhom konċess jiġi kompletat, u dan skond u fis-sens tal-iskritturi riferiti u fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilhom fissat minn dik il-Qorti, billi jekk jgħaddi dan inutilment, ikun awtorizzat li jagħmel ix-xogħol hu stess a spejjeż tal-konvenuti taħt il-kondizzjonijiet li tiddetermina din il-Qorti 2) li l-konvenuti jiġu dikjarati responsabbli tad-danni lejn l-attur għall-ħsara sofferta talli l-fondi ma sarux mill-bidu skond il-liġi tas-Sanità, u ma sarux ukoll fiż-żmien li kellhom isiru skond il-ftehim 3) illi l-konvenuti jiġu kundannati solidalment iħallsu bħala danni dak l-ammont li jiġi likwidat favur l-attur bħala minnu soffert bħala konsegwenza ta' l-inadempjenza tal-konvenuti ġa riferita.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjoni tal-konvenuti li biha eċċepew illi d-domanda tal-attur hija nfondata għaliex huma għamlu dak kollu li kellhom jagħmlu skond l-appalt li ħadu mingħand l-attur, u jekk hemm xi ħaġa żgħira li

trid issir mhix ħtija tal-eċċipjenti jekk għadha ma saretx.

Rat id-digriet ta' dik il-Qorti tat-tlettax ta' Diċembru, 1954, li bih ġie nominat il-Professur Robert V. Galea, O.B.E., A. & C.E., bħala perit biex jirrelata dwar id-domandi ndikati fl-att taċ-ċitazzjoni wara li jkun ħa in konsiderazzjoni l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, u jekk ikun il-każ jindika x-xogħolijiet li fadlilhom isiru mingħand il-konvenuti.

Rat il-verbal tas-seduti miżmuma quddiem l-istess perit u t-traskrizzjonijiet tax-xiehda u rat ir-relazzjoni tal-istess perit maħlufa fit-30 ta' Ottubru 1958.

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-erbgħa u għoxrin ta' Jannar, 1964 li biha ddeċidiet billi laqgħet l-ewwel talba billi kkundannat lill-konvenuti jagħmlu x-xogħolijiet fuq indikati ċioe dawk speċifikati fin-numri minn wieħed (1) sad-disgħa (9) tar-rapport tal-perit u li għandhom jiffurmaw parti integrali minn din is-sentenza, u dan fi żmien xahrejn, u in difett l-attur baqa awtorizzat jagħmel ix-xogħolijiet huwa a spejjeż tal-konvenuti taħt id-direzzjoni ta' perit li jagħżel huwa; u ċaħdet it-talba ta' l-attur għall-kumplament; 2) laqgħet it-tieni talba; 3) ikkundannat lill-istess konvenuti jħallsu mitejn u għoxrin lira (£220.0.0) bħala danni u f'dan is-sens laqgħet it-tielet talba; salvi l-konteġġi finali bejn il-partijiet billi l-attur għadu ma ħallasx il-prezz kollu tal-appalt ċioe baqgħalu jagħti tliet mija u ħamsa u sebgħin lira (£375) għas-saldu.

L-ispejjeż jitħallsu in kwantu għal kwart ($\frac{1}{4}$) mill-attur u tliet kwarti ($\frac{3}{4}$) mill-konvenuti wara li kkunsidrat:

Illi kif irriżulta mill-provi l-attur ta' żewġ appalti separati lill-konvenuti; bl-ewwel wieħed tas-26 ta' Novem-

bru, 1950 il-konvenuti kellhom itellgħu żewġ garages u entrata bit-taraġ għall-ewwel pjan barra t-tromba tiegħu, u xogħolijiet oħra indikati fl-istess skrittura bil-prezz ta' elf u mitejn lira (£1,200.0.0) u x-xogħol kellu jkun lest sal-erbgħa u għoxrin ta' Mejju, 1951 u bit-tieni tal-ħamsa ta' Novembru, 1951 l-istess konvenuti kellhom jagħmlu l-bini tal-ewwel sular ċioe jagħmlu x-xogħlijiet indikati flistess skrittura bil-prezz ta' elfejn mija u ħamsa u għoxrin lira (£2,125) u jkunu lesti fi żmien disa' xhur middata tal-iskrittura.

Id-difetti li għalihom ilmenta l-attur dwar ix-xogħol kontemplat sew fl-ewwel kemm fit-tieni skrittura huwa elenkati fl-ittra.

Il-Perit wasal għal dawn il-konklużjonijiet:—

1) Hemm żewġ blajjet fil-ħxuna tad-daħla tal-bieb prinċipali tal-flats li huma t-tnejn imxegħrin (cracked) li jridu jinqalgħu u jinbidlu.

2) Il-bieb ta' barra tal-injam u ċ-ċaċċis tiegħu jissewwew jekk jistgħu jissewwew jew inkella jsir bieb ġdid u ċaċċisi ġodda.

3) Jingħalqu b'mod deċenti l-breċċi li hemm fil-ħajt tas-sejjiegħ u t-tiswija titla sal-għoli tal-ħajt kollu.

4) Isir il-kisi tax-xifer taż-żewġ soqfa tal-konkos talflats li jidħru n-naħa tal-lemin tal-bini;

5) Jinqatgħu l-irjus ta' l-erba' travi li jisporġu n-naħa tal-lemin tal-bini u jsiru pjan wieħed mal-faċċata tal-bini ta' dik in-naħa.

6) Jinżebagħ il-bieb ta' barra wara li jissewwa jew isir ġdid, skond il-ftehim li jeżisti fl-iskrittura.

7) Isir it-tibjid kollu tal-ħitan u tas-saqaf ta' l-entrata u ż-żebgħa taz-zokklu skond l-iskrittura.

8) Fid-W.C. ta' kull flat, jiġi mbarrat bil-ġebel il-bieb li jagħti għall-kamra l-kbira u jinfetaħ bieb minn floku fil-ħajt ta' ħdejn id-W.C. u l-kamra ż-żgħira ta' ma' ġenbu li sejra sservi ta' anteroom. Il-bibien li jinqalgħu minn banda jitpoġġew fl-oħra.

9) Jinfetħu u jsiru t-twieqi fejn kellhom isiru l-anterooms tad-W.C. li jidhru mhux biss fill-pjanta oriġinali imma anki fil-pjanta li saret wara, u eskluda l-pretensjonijiet ta' l-attur għall-kumplament.

Irriżulta illi l-flats ma inbnewx skond il-liġi sanitarja, pero dan sar għaliex l-attur ried hekk. Il-konvenut Schembri li kien il-bennej kien ippreveda l-possibilita illi x-xogħol ma jiġix approvat mill-Awtorita Sanitarja u kien ftiehem kif isir ix-xogħol jekk tinqala din il-kontinġenza. Kellu jiġi maħsub minn qabel illi jiġu pjantati twieqi fejn kellhom isiru l-anterooms, u wara li l-Awtorita Sanitarja ipproċediet kontra mhux biss is-sid imma anki Schembri dan aċċetta li jagħmel il-modifiki fil-bini biex il-pjanta tkun konformi mal-liġi. Għalhekk il-konvenuti huma responsabbli wkoll għal dan ix-xogħol mhux biss għaliex huma kienu jafu mill-ewwel illi ma kienux qegħdin jibnu skond il-liġi imma, u dan huwa l-aktar importanti — għaliex mill-ewwel kienu jafu illi jekk il-bini ma jiġix approvat ikunu jridu jbiddlu l-pjanta biex tista tgħaddi, u wara li l-Awtorita Sanitarja ipproċediet kontra tagħhom aċċettaw li jagħmlu x-xogħlijiet meħtieġa.

Il-Qorti għalhekk taqbel mal-konklużżjoni peritali u taddottahom.

Tibqa issa l-kwistjoni tad-danni. L-attur qiegħed jippretendi danni billi huwa ta l-flats b'ċens ta' ħamsa u ħamsin lira (£55) fis-sena minn ċerta data, mentri kien itihom aktar qabel kieku l-erba' flats kienu lesti fiż-żmien konvenut. Dawna l-flats skond il-ftehim mal-konvenuti kellhom ikunu lesti fid-9 ta' Awissu, 1952. Skond l-attur stess it-tibjid u ż-żebgħa tlestew f Awissu, 1953 u dan juri illi minn dak iż-żmien il-postijiet setgħu jinkrew għaliex huwa magħruf illi ż-żebgħa u t-tibjid isiru l-aħħar ħaġa. Għalhekk għalkemm l-attur xehed illi ta b'ċens il-postijiet wieħed fl-1 ta' Diċembru, 1953 u l-oħrajn fil-15 ta' Diċembru, 1953, il-konvenuti ma għandhomx jirrispondu għall-perijodu sussegwenti għal meta setgħu jinkrew: sata kien hemm fatturi oħra l-għala l-fondi *ma nkrewx fil-pront, fosthom* li l-attur natulament kien qiegħed jipprova jagħtihom bl-għola ċens jew b'kondizzjonijiet oħra l-aktar favorevoli għalih. Mill-banda l-oħra wieħed għandu jżomm quddiem għajnejh illi fl-1953 kien hemm talba kbira għall-bini, li kien jinħataf appena jkun lest jekk mhux qabel ukoll. Għalhekk fil-fehma tal-Qorti l-attur għandu dritt bħala danni għat-telf ta' ċens għall-perijodu ta' sena kif fissat fid-diskrezzjoni tagħha u mhux minn meta effettivament il-fondi ġew mogħtija b'ċens. Ħamsa u ħamsin lira (£55) għal erba' flats, jagħmlu mitejn u għoxrin lira (£220).

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut Pietro Schembri u l-petizzjoni tiegħu li biha talab illi dik is-sentenza tiġi revokata u t-talbiet tal-appellat jiġu miċħuda bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu.

Rat ir-risposta tal-appellat li fiha qal li l-appell ta' l-

imsemmi Schembri hu nfondat u għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż, u fl-istess ħin, appella inċidentalment mis-sentenza ta' l-ewwel Qorti u talab li tiġi riformata fis-sens illi d-danni jiġu akkordati sal-ġurnata li fiha hu kkonċeda l-postijiet b'ċens.

Rat ir-risposta ta' l-Avukat Dottor Caruana Colombo u Prokuratur Legali Joseph Gatt bħala kuratur ta' l-assenti Antonio Borg li biha rrimettew ruħhom għad-deċiżjoni ta' din il-Qorti.

Rat l-atti kollha tal-kawża, żammet aċċess fuq il-post, reġgħat semgħet xi xhieda, semgħet it-trattazzjoni u k-kunsidrat:

It-talbiet magħmulin mill-appellat Camilleri fiċ-ċitazzjoni kienu tlieta, ċioe

(1) li l-konvenuti jiġu kundannati jagħmlu x-xogħlijiet imsemmija fl-istess ċitazzjoni skond it-termini ta' l-appalti, fi żmien qasir li tatihom il-Qorti, inkella fin-nuqqas tagħhom, li hu stess jiġi awtorizzat jagħmel dawk ix-xogħolijiet a spejjeż tagħhom.

(2) li l-konvenuti jiġu dikjarati responsabbli tad-danni lejh għall-ħsara sofferta minnu talli l-fondi ma sarux mill-bidu skond il-liġi sanitarja u ma sarux fiż-żmien miftiehem.

(3) li l-konvenuti jiġu kundannati solidalment iħallsu bħala dannu l-ammont li jiġi likwidat bħala telf soffert minnu minħabba l-inadempjenza da parti tagħhom.

L-ewwel Onorabbli Qorti, fis-sentenza appellata, laqgħet l-ewwel talba fis-sens indikat fil-parti razzjonali

tagħha u ordnat lill-konvenuti jagħmlu x-xogħlijiet fi żmien xahrejn u fid-difetti awtorizzat lill-attur jagħmel hu dawk ix-xogħlijiet a spejjeż tal-konvenuti; laqgħet it-tieni talba; u laqgħet it-tielet talba fis-sens li kkundannat lill-konvenuti jħallsu lill-attur bħala danni s-somma ta' mitejn u għoxrin lira (£220).

Kontra din is-sentenza appellaw tant il-konvenut Schembri b'mod prinċipali kemm l-attur Camilleri inċidentalment.

Fuq l-appell prinċipali l-Qorti kkunsidrat:—

L-ewwel ilment hu fis-sens illi l-ewwel Onorabbli Qorti ma setgħetx tilqa l-ewwel talba ta' l-attur, peress illi l-postijiet fejn ix-xogħolijiet għandhom isiru kienu, minn qabel ma saret iċ-ċitazzjoni, ġew mill-attur mogħtija ċens u għalhekk l-attur, bħala sempliċi direttarju, ma kellux dak l-interess u utilita fl-oġġett ta' dik it-talba li kienu jintitolawh biex jagħmilha.

Din l-eċċezzjoni ta' karenza ta' interess fl-attur għarrigward ta' l-ewwel talba, tidher li ġiet sollevata l-ewwel darba u diskussa quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti fis-seduta tat-tnax ta' Jannar, 1962 u reġgħet ġiet diskussa fis-seduta ta' l-għoxrin ta' Marzu, 1962. Iżda fis-sentenza appellata ma ġietx trattata.

L-appalti li għalihom tirriferixxi din il-kawża kienu tnejn. L-ewwel wieħed kien jirrigwarda l-bini ta' żewġ garages u entrata bit-taraġ għal first floor barra t-tromba tiegħu kompriżi l-pavimenti u s-soqfa tal-konkos, id-drenaġġ, il-faċċata bid-dettalji tagħha u xogħolijiet oħra imsemmija fl-iskrittura.

Issa x-xogħolijiet kollha li l-ewwel Onorabbli Qorti k-kundannat lill-konvenuti biex jagħmlu jirriferixxu għal dan l-ewwel appalt ħlief dak kważi insinjifikanti tal-kisi tax-xifer ta' wieħed mis-soqfa tal-konkos fit-tieni pjan u dawk tat-tibdil strutturali fid-W.C.'s tal-flats imsemmija.

L-eċċezzjoni fuq imsemmija ta' l-appellant hi bbażata fuq il-fatt, kif ġa ntqal, illi l-flats kienu, minn qabel iċ-ċitazzjoni, ġew konċessi in enfitewsi mill-appellat Camilleri. Iżda appuntu għaliex l-imsemmija xogħolijiet, ħlief dawk bawn fuq eċċettwati, għandhom isiru mhux fil-flats, jidher mill-ewwel illi, rigward tagħhom, dik l-eċċezzjoni ma hix fondata. Mill-kuntratt li l-Qorti ġiet assigurata hu eżatt bħal dawk tat-tliet flats l-oħra jidher illi l-konċessjoni enfitewtika kienet tirrigwarda l-flats biss. Il-garages fil-pjan terran baqgħu ta' proprjeta assoluta ta' l-appellat Camilleri, kif huwa tiegħu l-ħajt adjaċenti għalih. Anke jekk, l-entrata u t-taraġ komuni, għalkemm, s'intendi, l-enfitewti tal-flats għandhom l-użu tagħhom. Bħala proprjeta dawk il-partijiet tal-block tal-bini baqgħu ta' l-appellat Camilleri kif huwa tiegħu l-ħajt adjaċenti għalih. Anke jekk, kif l-apellat qal lill-Qorti waqt l-aċċess, hemm ftehim mal-enfitewti tal-flats (li ma jidhirx inkorporat fil-kuntratt) illi x-xogħlijiet ta' manutenzjoni tal-partijiet komuni huma a kariku ta' l-enfitewti, ma jistax jingħad illi l-appellat Camilleri m'għandux interess fix-xogħlijiet neċessarji fl-entrata u fil-ħajt ta' barra ta' l-ewwel pjan li kif intqal, bħala proprjeta għadhom tiegħu;

L-eċċezzjoni ta' l-appellant ta' nuqqas ta' interess fl-appellat Camilleri, jista għalhekk ikollha rilevanza biss rigward l-alterazzjonijiet strutturali li ġew ordnati li jsiru fid-W.C. ta-flats. Rigward dawn l-alterazzjonijiet peress illi l-utili dominju tal-flats hu ta' l-enfitewti li ma humiex

fil-kawża u ċertament ebda xogħolijiet fil-flats tagħhom ma jistgħu jsiru mingħajr il-kunsens tagħhom, u ebda prova ma hemm fil-proċess ta' dan il-kunsens, jista jingħad li l-ewwel Qorti ma setgħetx tordnahom, anki għaliex is-sentenza dwarhom tista ma tkunx kapaċi ta' eżekuzzjoni. Iżda l-Qorti ma jidhriliex li hemm għalfejn li l-eċċezzjoni tal-appellant tiġi kunsidrata ulterjorment anqas dwar dawn l-alterazzjoni peress i li, kif ser jingħad il quddiem, din il-Qorti ma hix ta' fehma illi l-appellant u l-appellat Borg huma tenuti fil-konfront ta' l-appellant Camilleri, illi jagħmluhom.

Rigward dawn l-alterazzjonijiet fil-flats l-ewwel Onorabbli Qorti rriteniet bħala fatt illi l-kostruzzjoni saret kif saret għaliex l-attur ried hekk: iżda hi dehrilha illi b'dana kollu l-appellant kien tenut jagħmel it-tibdil meħtieġ għaliex hu kien jaf mill-ewwel illi ma kienx qed jibni skond il-liġi u, aktar importanti, għaliex mill-ewwel kien jaf li jekk il-bini ma jiġix approvat hu jkun irid ibbidlu biex il-pjanta tista tgħaddi u wara li l-Awtorita Sanitarja pproċediet kontra tiegħu hu aċċetta li jagħmel dawk ix-xogħolijiet.

Fil-fehma ta' din il-Qorti l-aċċettazzjoni da parti ta' l-appellant li jagħmel dawn ix-xogħolijiet ma tirriżultax soddisfaċentement pruvata. Kwantu għax-xjenza da parti ta' l-apellant illi x-xogħol ma kienx qed isir skond il-liġi sanitarja, din m'hix negata minnu. Hu pero xehed illi l-appellat Camilleri ordnalu li jaħdem hekk għax hu kien is-sid u hu kien l-awtorita. Għad-direzzjoni u sorveljanza tax-xogħol suppost ukoll li kien hemm il-Perit Salinos, li anqas biss ma ingieb jixhed. Ċertament quddiem il-liġi u l-Awtorita Sanitarja u fir-relazzjonijiet ma' din l-Awtorita, l-appellant ma jistax jinvoka a diskariku tiegħu l-ordni tas-sid. Iżda l-Qorti ma jidhriliex illi jekk ix-xogħol sar kif ordna l-

appellat Camilleri, dan issa jista jilmenta u jitlob li jinbidel a spejjeż ta' l-appellant. Huwa veru li ġie xi drabi ritenut, fuq l-awtorita tal- Vitaleni illi l-appaltatur għandu jirreżisti l-ordnijiet tal-kommittent li hu jaf li huma kuntrarju għar-regoli ta' l-arti u għalhekk, għal xi difetti l-iktar essenzjali l-ordni tal-kommittent ma jeżonerahx. Iżda l-Vitaleni stess iwissi illi dan mhux prinċipju li għandu jkollu valur assolut għaliex is-soluzzjoni tiddipendi mill-ispeċjalita taċ-ċirkustanzi. Per eżempju meta l-kommittent ikun ta l-ordni "con piena e perfetta cognizione di causa" u jkun bniedem ta' l-affarijiet tiegħu u li jaf sewwa xi jrid — bħal ma l-Qorti jidhrilha li hu l-appellat Camilleri — allura ma jistax imbagħad il-kommittent, **fir-relazzjonijiet purament ċivili tiegħu ma l-appaltatur,** jilmenta illi x-xogħol ikun sar ħażin u jippretendi li l-appaltatur jibdlu a spejjeż tiegħu.

Din il-Qorti hi għalhekk ta' fehma illi x-xogħol ta dawk l-alterazzjonijiet fil-flats għadhom jiġu esklużi mill-ewwel talba ta' l-appellat Camilleri.

Rigward ix-xogħolijiet l-oħra imsemmija fin-numri mill 1 sa 7 inklusivament l-eskluzzjoni tal-bieb numru 2 relazzjoni tal-Perit Tekniku din il-Qorti, wara li ħasbet ħafna ma jidhrliex illi inġiebu raġunijiet biżżejjed biex jinduċiha tiddiskosta ruħha mill-konklużżjoni raġġunta mill-ewwel Onorabbli Qorti, konformement għal dik ir-relazzjoni. Uħud minn dawn ix-xogħolijiet l-appellant ammetta li għandu jagħmilhom. Hekk per eżempju fid-dikjarazzjoni annessa man-nota tal-eċċezzjoni, hu aċċetta li jiżbogħ u jbajjad l-entrata. Anki rigward il-blajjet l-appellant, meta xehed fol. 44 qal illi meta l-appellat Camilleri bagħat għalih u urih

li kienu miksura "hu baqa ma l-attur li kellu jibdel dawk il-blajjet." Dan ix-xogħol ma sarx għax inqalgħu kwistjonijiet oħra. Iżda rigward il-bieb ta' barra din il-Qorti mhix sodd sfatta li ġie pruvat illi l-ħtija tad-difett hi n-negliġenza jew inadempjenza da parti ta' l-appaltaturi.

Rigward l-ispejjeż ta' din l-ewwel talba għandu jiġi rilevat illi l-appellat Camilleri, fiċ-ċitazzjoni u quddiem il-Perit Tekniku kien ippretenda li kellhom isiru wisq aktar xogħolijiet minn dawk li fil-fatt ġew approvati mill-Perit u aċċettati mill-ewwel Onorabbli Qorti u ta' dan għandu jittieħed id-debitu qies fl-allokament ta' l-ispejjeż.

Rigward it-tieni u t-tielet talba ta' l-appellat Camilleri, l-ilment ta' l-appellant huwa illi l-ewwel Onorabbli Qorti naqset li f'konsiderazzjoni fattur importanti, u ċioe illi ż-żewġ appalti kienu jirrigwardaw biss ix-xogħol tal-bini u tat-tibjid u żebgħa (decoration). Ix-xogħolijiet l-oħra, per eżempju, madum, injam, elettriku u ilma kellu jieħu ħsiebhom l-appellat Camilleri. Kieku dan ma stenniex li jieħu ħsieb dawn ix-xogħlijiet l-oħra sakemm tlesta l-bini kollu iżda beda jagħmilhom, kif sata liberament, a mano a mano li kienu jitlestew id-diversi ambjenti, kieku ma kienx ikun hemm id-dewmien li qed jallega l-appellat. Billi dan iddawwar jagħmel dawk ix-xogħlijiet, bil-fors kellhom jiddawru l-appellant u sieħbu wkoll.

M'hemmx dubju illi d-difetti li ssemmew iktar il fuq u li issa ser jiġi ordnat li jiġu rimedjati, ma sata kellhom ebda influwenza fuq it-telf li jallega li bata l-appellat Camilleri fid-dewmien biex kera l-flats. Infatti dawn inkrew, ċioe ġew mogħtija ċens, nonostante dawk id-difetti li, del resto, kif ġie fuq rilevat ma jeżistux fihom.

L-appellat pero jgħid illi hu dam ma sata jiddisponi

mill-flats għaliex damu ma tlestew. Skond it-tieni appalt (li hu l-uniku rilevanti għal din il-fini), ix-xogħol tal-ġebel kompriżi s-soqfa u l-bjut bid deffun kellu jitlesta sal-ħamsa ta' Mejju 1952 u x-xogħol l-ieħor hemm kommess kellu jitlesta sal-ħamsa ta' Awissu, 1952. L-appellat Camilleri jippretendi illi hu għandu d-dritt għad-danni, kalkolati bir-rata ta' mitejn u għoxrin lira (£220) fis-sena (ċioe ċ-ċens li bih hu kkonċeda l-erba' flats), mid-data hawn l-aħħar imsemmija sa kemm ikkonċeda dak iċ-ċens, ċioe f'Diċembru, 1953. L-ewwel Onorabbli Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, irriteniet illi l-appellat Camilleri kien intitolat għal telf ta sena dewmien, ċioe mitejn u għoxrin lira (£220), għaliex, fuq id-deposizzjoni tiegħu stess, it-tibjid u ż-żebgħa tlestew f'Awissu 1953 u dan juri illi minn dak iż-żmien il-postijiet setgħu jinkrew.

Iżda din il-Qorti lanqas jidhrilha li ġie pruvat soddisfaċentement illi l-appellat Camilleri għandu dritt għat-telf kollu li akkordatlu l-ewwel Onorabbli Qorti. Jekk wieħed iħares lejn l-ittra ta' l-appellat Camilleri fol. (8), datata ħmistax (15) ta' Gunju, 1953, wieħed jara illi fiha hu stess qal illi x-xogħol tal-ġebel kien tlesta fit-tmientax (18) ta' Diċembru 1952 u l-gallarijiet tal-ġebel f'nofs Mejju 1953. Fix-xhieda tiegħu fol. 154 l-appellat qal illi f'din l-aħħar okkażżjoni tlestew ukoll il-kmamar ta' fuq il-bejt, it-tromba tat-taraġ u l-kisi tal-bjut bid-deffun. Ix-xogħolijiet kollha li hu semma f'dik l-ittra li kien għad ma saru x ma kienux — fejn anki issa jirriżulta li kellhom jagħmluhom l-appellant Schembri u sieħbu — bl-ebda mod tali li kienu jimpedixxu jew jostakolaw il-kiri tal-flats. Fl-aħjar ipotesi għall-appellat Camilleri l-Qorti ma tistax għalhekk takkordalu danni oltre l-ħmistax (15) ta' Mejju 1953 ċioe għal disa' xhur u fil-fehma tal-Qorti dan hu t-telf li għandu jiġi akkordat lilu.

Minn dana jidher illi l-appe'l incidentali ta' Camilleri ma jistax jiġi milqugħ.

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddisponi mill-appelli bil-mod li ġej:

(a) billi tilqa l-ewwel talba ta' l-attur fis-sens li tikkundanna lill-konvenuti li jagħmlu x-xogħolijiet speċifikati fin-numri 1, 3, 4, 5, 6, 7 (eskluż ċioe l-qlugħ jew tiswija tal-bieb ta' barra skond in-numru 2 iżda inkluża ż-żebgħa ta' dak il-bieb kif inhu) tar-rapport peritali folji 78 u 79 li għadhom jifformaw parti integrali ta' din is-sentenza u dan fi żmien xahrejn mil-lum, u in difett tawtorizza lill-attur li jagħmel hu dawk ix-xogħlijiet a spejjeż tal-konvenuti taħt id-direzzjoni ta' perit Paul Mercieca A & C.E. u tiċħad dik it-talba għal bqija: u f'dan is-sens tirriforma l-ewwel kap tas-sentenza appellata.

(b) tilqa t-tieni talba ta' l-attur in kwantu bbażata fuq id-dewmien fit-tlestija tax-xogħol u f'dan is-sens tikkonferma dan il-kap tas-sentenza appellata.

(c) tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-attur mija u ħamsa u sittin lira (£165) bħala danni u f'dan is-sens tilqa t-tielet talba u hekk tirriforma fuq dan il-kap is-sentenza appellata.

Salvi l-konteġġi finali bejn il-partijiet billi l-attur għad għandu jagħti tliet mija u ħamsa u sebgħin lira (£375) lill-konvenuti għas-saldu ta' l-appalti u jekk dovuti skond il-liġi, l-imgħax fuqhom.

(d) tiċħad l-appell incidentali ta' l-attur.

L-ispejjeż kollha tant ta' prim' istanza kemm ta' l-appell jitħallsu nofs mill-attur u nofs mill-konvenuti.